Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 90/2018

**Marco Pisani**
**(appellant)**

**Vs**

**The AV Warehouse**
**(appellata)**

11 ta' Frar, 2019.

1. Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-30 ta' Lulju 2018 permezz ta' liema ġie deċiż li l-kumpannija AV Warehouse kienet ġustifikata tkeċċi lill-Marco Pisani mix-xogħol.

2. Il-proċeduri li taw lok għal dan l-appell kienu:

a. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-10 ta' April 2013 Marco Pisani ippremetta illi huwa kien oriġinarjament impjegat mal-intimata fl-2010 iżda kien telaq. Madanakollu, fl-1 ta' Diċembru 2011 huwa reġa' beda l-impieg tiegħu mal-kumpannija ntimata fuq talba tagħha stess. Jgħid li minkejja li huwa dejjem qeda dmiru tajjeb tant illi qatt ma ngħata ebda *warning* jew twissija, la bil-miktub u lanqas bil-fomm, tkeċċa fl-4 ta' Jannar 2013 għaliex ingħata tort għall-inċident li hu ma kienx involut fih. Jgħid inoltré li ma ngħatax avviż ta' terminażżjoni bil-miktub. Jilmenta għalhekk li t-tkeċċija tiegħu hija nġusta u li r-raġuni mogħtija mill-intimata mhijiex valida skont il-liġi. Filwaqt li talab dikjarazzjoni f' dan is-sens mit-Tribunal Industrijali, talab ukoll lit-Tribunal jordna l-miżuri kollha neċessarji nkluż l-impożizzjoni ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-liġi, bl-ispejjeż.

b. Paul Falzon, għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija ntimata laqa' dan billi wieġeb illi r-rikorrent tkeċċa għal raġuni valida u skont il-liġi u li

ma kellu l-ebda obbligu legali jagħtih avviż ta' terminazzjoni bil-miktub a tenur tal-Kap. 452. Jgħid li hu mexa b'mod ġust u korrett u skont il-liġi fil-konfront tar-rikorrent tant li ħallsu kull ammont dovut sakemm spiċċa kompletament mix-xogħol.

c. B'deċiżjoni tat-30 ta' Lulju 2018, it-Tribunal iddeċieda billi ddikjara li l-kumpannija AV Warehouse kienet ġustifikata li tkeċċi lil Marco Pisani mix-xogħol.

3. Minn din id-deċiżjoni appella Marco Pisani. Jilmenta illi t-Tibunal ma setax jasal għall-konklużjoni minħabba: (i) nuqqas ta' provi li jissostanzjaw it-teżi tal-appellata; (ii) nuqqas ta' prova li l-inċident huwa attribbwibbli lilu; u (iii) nuqqas da parti tal-kumpannija appellata li tipprovdi s-saħħa u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol b' detriment għall-ħaddiema.

4. Da parti tagħha, l-appellata wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma, u li l-appell in risposta għandu jiġi miċħud inkwantu frivolu u infondat fil-fatt u fid-dritt. Irrimarkat ukoll li bħala regola ġenerali din il-Qorti ma tiddisturbax l-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti salv jekk ikun jidher li tali konklużjonijiet ser iwasslu għal inġustizzja, li mhuwiex il-każ odjern.

**Konsiderazzjoni.**

5. Għal dak li jirrigwarda l-limiti ta' appell lil din il-Qorti, l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li:

> *'Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq **punt ta' liġi** ...'*

6. Fil-kawża fl-ismijiet ***Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited***[1] din il-Qorti tenniet illi:

> *'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:*
>
> *i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;*
> *ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.'*

[1] Deċiża fit-28 ta' April, 2017.

7. Hekk kif deċiż fil-każ ***Mifsud Nathania Vs Sterling Jewellers***, deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2016:

> '... ***Filwaqt li kif ingħad, l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal per se jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-principji maghrufa fil-ligi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u cioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt ghac-ċirkostanzi partikolari tal-kaz.'***

8. F' dan il-kuntest l-ġurisprudenza tgħallem ukoll li:

> *'jinsab statwit fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'humiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi.* ***Dan il-punt ta' liġi m'hemmx għalfejn ikun definit u deċiż fis-sentenza impunjata*** *għax, ..., l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jgħidux.* ***Hu suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta nvolut jew impliċitu fid-deċiżjoni in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta*** *...*[2]

9. L-appell tal-appellant se jiġi għalhekk meqjus entro dawn il-parametri.

10. Id-deċiżjoni appellata kienet imsejjsa fuq is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *'It-Tribunal ikkonsidera d-diversi aspetti ta' dan il-każ u jibda biex jgħid li hemm konflitt ta' provi. It-Tribunal pero qiegħed jemmen aktar il-prinċipal u x-xhieda tiegħu meta xehdu li r-rikorrenti kien traskurat ħafna u kien ukoll negliġenti u li kien jiġi tard u li kien jinsa xi affarijiet warajh spiss.*
>
> *Mhiex skuża da parte tar-rikorrenti li jgħid li kien hemm impjegati oħrajn li kienu jinsew xi affarijiet ukoll.*
>
> *It-Tribunal qiegħed jagħmel enfasi fuq il-fatt li qiegħed jemmen lill-prinċipal meta tah diversi twissijiet sabiex jirranġa x-xogħol tiegħu. Warning ma hemmx għalfejn tkun miktuba imma anki sempliċement twissija sabiex tirranġa l-attitudni tiegħek fuq il-post tax-xogħol tista' tiġi meħuda bħala warning u bħal dan ir-rikorrenti kellu ħafna.*
>
> *It-Tribunal qiegħed jikkonkludi illi l-attitudni tar-rikorrenti kienet waħda traskurata u ma għamel xejn sabiex jipprova jimpruvja s-sitwazzjoni tiegħu. Ma ħax ħsieb ix-xogħol tiegħu u kellu attitudini negattiva.* ***Il-fatt li waqgħu xi affarijiet minn fuq fork lifter ma jfissirx li għandu jitkeċċa pero tenut kont tal-lista ta' nuqqasijiet inkluż diversi inċidenti ta' traskuraġni twassal it-Tribunal għall-konklużjoni li aħjar ir-rikorrenti ma jkomplix jaħdem hemm u b' hekk jikkonvalida d-deċiżjoni tal-intimat li jkeċċi r-rikorrenti u li r-raġuni hija waħda ġustifikata***'.

[2] ***Abela Kevin Mark vs S&A Quality Assurance Surveyors Ltd,*** *Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2006.*

11. Permezz tal-**ewwel aggravju** tiegħu l-appellant jilmenta li t-Tribunal kien legalment żbaljat fl-evalwar tal-provi u ma setax jibbaża l-konklużjoni tiegħu fuq l-allegata reputazzjoni negattiva addebitata lilu. Igħid li skont l-artikolu 562 tal-Kap. 12, kien jispetta lill-kumpannija appellata tressaq prova ta' dak minnha allegat, ossija illi huwa kien verament aġixxa bi traskuraġni fil-mument meta ġie mkeċċi, iżda l-ebda prova f' dan is-sens ma ġiet prodotta. Lanqas ma ġie ppruvat li huwa kien traskurat fil-passat, anzi irriżulta li l-kumpannija appellanti mpjegatu għat-tieni darba u qatt ma ħarġet *warnings* bil-miktub fil-konfront tiegħu. Għalhekk it-Tibunal ma setgħax jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tiegħu kienet ġustifikata abbażi ta' diversi inċidenti ta' traskuraġni da parti tiegħu. Permezz tat-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant imbgħad jilmenta li t-Tribunal Industrijali ma kkunsidrax il-fatt li meta seħħ l-inċident in kwisjtoni huwa ma kienx preżenti u għalhek ma setax jiġi kkonfermat jekk l-affarijiet waqgħux bil-vibrazzjoni tal-*lifter* jew għaliex kien misshom ħaddieħor.

12. Inkwantu dawn l-aggravji huma relatati, se jiġu kkunsidrati flimkien.

13. Il-kumpannija appellata tagħmel xogħol ta' *audio visuals.* Mill-atti jirriżulta li l-appellant kien jaħdem magħha fl-2010 iżda kien telaq minn jeddu. Fl-1 ta' Diċembru 2011 il-kumpannija appellata mpjegatu mill-ġdid bħala *full time rigger / general hand.* L-appellant jgħid li kienet reġgħat impjegatu minn jeddha.[3] Fl-4 ta' Jannar 2013, wara li kienu waqgħu xi kaxxi minn fuq *lifter* li kien għabba, l-appellant tkeċċa. Huwa jikkontendi d-direttur tal-appellata ma tah l-ebda spjegazzjoni u lanqas ħallsu għall-aħħar ġimgħa li ħadem miegħu.[4]

14. **Philip Agius**, *project manager* mal-appellata, xehed iżda li minn dejjem kellhom il-problemi bl-appellant għaliex kien negliġenti[5]. Jgħid li l-ewwel darba li l-appellant kien impjegat mal-appellata huwa kien telaq minn jeddu għaliex ammetta li kien iddejjaq, iżda wara xi sena l-appellant reġa' mar ifittex xogħol magħhom. Peress li kien ħabib tal-infanzja tiegħu u kien jaf li kien negliġenti ma xtaqx jerġa' jimpjegah iżda peress li l-appellant kien għadu kif kellu *baby* l-kumpannija appellata eventwalment aċċettat li terġa timpjegah. Wara ħames xhur jew sitta reġa' beda jittraskura billi jmur tard għax-xogħol, jinsa l-affarijiet warajh u jħallli lil kulħadd jistenna sakemm jerġa jmur għalihom, jew jikkawża ħsarat għax iwaqqa l-apparat. Xehed illi, '*kien hemm ammont ta' żmien li biex forsi s-sitwazzjoni ma waslitx fejn kellha tasal illum il-ġurnata kont ngħidlu, "Marco, ibda' fittex xogħol għax illum jew għada ħa jkolli nwaqqfuk."*

[3] Fol. 64.
[4] Fol. 9 – 10.
[5] Fol. 27 – 29.

Imbagħad seħħ inċident ta' ċertu portata minħabba n-negliġenza u t-traskuraġni tal-appellant li wasslet għat-tkeċċija tiegħu. Philip Agius żied jgħid li dak iż-żmien l-appellant kien għaddej kors għaliex kellu problema ta' *anger management*. Ikkonferma li hu kien javżah dejjem meta kien jara diżattenzjoni jew negliġenza da parti tiegħu.

15. Għall-kumpannija appellata xehed ukoll id-direttur tagħha, **Paul Falzon**, li kkonferma li l-appellant '*kemm-il darba qala tbeżbiża'* kemm dam impjegat magħha ħabba '*traskuraġni, forgetfulness, general mistreatment tal-equipment ... ġieli nesa l-apparat warajh.*'[6] Kien ukoll jidħol regolarment tard għax-xogħol u ġieli saħansitra ma daħal xejn.[7] Iżda l-inċident finali li wassal għat-tkeċċija tiegħu ġara meta huwa għabba *lift* tal-istore ħażin. Qal li l-appellant ammetta miegħu li dan kien il-każ. Ma seta kien ħadd ħliefu.[8]

16. Xehdet ukoll **Jessica Aguilar**, *administrative secretary* mal-appellata.[9] Hija kkonfermat li l-*operations manager* u d-direttur qatt ma kienu kuntenti bill-prestazzjoni tal-appellant għaliex ma kienx kapaċi jifhem struzzjonijiet sempliċi u kien jinsa l-affarijiet warajh. Ikkonfermat li wara li kien telaq' l-ewwel darba kien hu stess li reġa' mar il-*warehouse* ifittex impieg. Meta ġara l-inċient in kwistjoni hija kienet fl-uffiċċju fejn kien hemm ukoll id-direttur u għalhekk hija ma ratx x'ġara iżda semgħu l-affarijiet jaqgħu u ħarġu jiġru jaraw x'ġara. Ikkonfermat ukoll li kemm id-direttur kif ukoll l-*operations manager* kienu spiss jikkoreġuh u jwissuh li ma kienux kuntenti bil-prestazzjoni tiegħu u kif huwa kien mistenni li jaħdem.

17. Il-prestazzjoni ħażina tal-appellant fuq il-lant tax-xogħol ġiet ikkonfermata minn **Emerson Vella**.[10] Minkejja li dan tal-aħħar laħqu biss għal ftit, ikkonferma li l-appellant kien traskurat għal dak li jirrigwarda l-*handling* tat-tagħmir u kien spiss jinsa l-apparat warajh. Jgħid ukoll li l-appellant kemm il-darba nesa' iċ-ċavetta tal-garaxx b'dan illi kien ikollu jinqala' ħaddieħor biex imur jiftaħlu. Inoltré, spiss kien jidħol għax-xogħol tard. Ikkonferma ukoll li l-*manager* kien regolarment iwissih biex ma jasalx tard u li *warnings* kienu jaslulu iżda l-attitudni tiegħu ma nbidlitx. Meta ġara l-inċident li wassal għat-tkeċċija tal-appellant, dan ix-xhud kien f' parti oħra tal-*warehouse* iżda meta mar jara x' ġara induna li l-appellant kien għabba l-*lift* billi tefa' l-kaxxa l-kbira li eventwalment waqgħat fuq kaxxi oħra iżgħar. Xehed li '*surface area kbir*

[6] Fol. 24.
[7] Fol. 25.
[8] Fol. 26.
[9] Fol. 31 – 38.
[10] Fol. 38 – 44.

*mgħobbi fuq surface area żgħir. Allura xi tip ta' wobbling ha jkun hemm jekk ma jitgħabbewx l-affarijiet sew.'* Skont dan ix-xhud, kien għalhekk li dik il-kaxxa arbulat. Ikkonferma ukoll li '*il-kaxxa kienet qed titgħabba minn Marco minn isfel u Kyle kien qed iħott l-affarijiet minn fuq.'*

18. **Edward Tagliaferro**, *part-time rigger* mal-appellata ukoll xehed dwar it-*traskuraġni* u l-prestazzjoni ħażina tal-appellant fuq il-lant tax-xogħol. Ikkonferma inoltré li l-appellant jiġi mwissi regolarment '*U kemm Philip u kemm Paul kienu anke ġieli quddiemi jgħidulu,"Isma, tibqa' sejjer hekk ħa nieħdu azzjoni jew ħa jkollna nkeċċuk."'*[11]

19. Da parti tiegħu l-appellant jgħid[12] li minkejja ġie mpjegat mill-appellata bħala *rigger*, spiċċa jagħmel minn kollox. Ċaħad li hu kien traskurat u jikkontendi li peress li kien isuq il-vann, kull meta kien jirriżulta li nsew xi ħaġa warajohom kien jeħel hu intortament. Saħaq li qatt ma kellu warnings, la bil-kitba u lanqas verbalment.[13] Dan ikkonfermah ukoll in ri-eżami.[14]

20. Madanakollu in kontro-eżami, mistoqsi kienx jiġi mwissi biex ma jinsiex *equipment* warajh kkonferma li:

> '*Kienu jgħiduli hekk, imma kif ukoll irrid ngħid li s-Sur Paul Falzon, li l-kumpannija tiegħu l-equipment tiegħu kemm-il darba nesa affarijiet warajh ...*
>
> *kien hemm ħafna drabi li jien insejt affarijiet. Kien hemm ħafna drabi ukoll li kemm Philip Agius u kemm Paul, ...'*[15]

21. Mistoqsi dwar episodju minnhom fejn kien wasal tard għal xogħol f' Għawdex spjega li dan kien dovut għall-fatt li x' ħin huwa kien diġa wasal Ta' Xbiex minn Ħaż-Żebbuġ ċemplulu biex jerġa' jmur lura għal apparat li d-direttur Paul Falzon kien nesa' warajh u b' hekk tilef il-vapur u wasal tard.[16]

22. Dwar l-inċident li wassal għat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu spjega li huwa kien għabba l-*lift* tal-*warehouse* bil-kaxxi sabiex jittellgħu sular u jiġu stivati fir-raff:

> '*Jien ippustjajt il-kaxxi, waħda minnhom hija l-FOH li għamlet il-ħsara iġifieri*
>
> ...

[11] Fol. 51.
[12] Fol. 63 – 72.
[13] Fol. 67.
[14] Fol. 106.
[15] Fol. 104 – 105.
[16] Fol. 105.

*FOH - Front of House. Eeh, sistema t'apparat ... ħafna affarijiet irqaq. Jien għamiltha fuq il-kaxxa, fuq żewġ kaxxi tiela' 'l fuq. Issa, li nixtieq ngħid ċara u tonda jiena sa fejn naf jien responsabbli minn x' ħin għamilt il-kaxxa sa x' hin telgħet fuq u waqaf il-lift .... Dak il-ħin tal-lift jiena ċċekkjajt li kaxxa all right, waslu jġifieri x-xogħol, rajt li ma kellhomx bżonni u nirringrazzja l'Alla mort it-toilet. Ha ngħidlek għala. Din il-kaxxa waqgħet eżatt floki'.*

23. L-appellant spjega li huwa kien għabba l-kaxxi fuq il-*lift* mill-pjan t'isfel filwaqt li impjegat ieħor jismu Kyle kien fuq ir-*raff* sular aktar 'l fuq, jistenna l-*lift* jitla' sabiex iħott il-kaxxi. Meta l-appellant ra li l-kaxxi waslu sar-raff qawwijin u sħaħ, informa lill-Kyle li kien sejjer it-*toilet.*[17] Fil-fatt huwa kien it-*toilet* x'ħin sema' l-kaxxi jaqgħu u ma jafx kif weħel hu għaliex il-*prinċipal raħ ħiereġ mit-toilet* eżatt wara li instemgħat il-kaxxa taqa'. Jgħid li dak il-ħin il-prinċipal infexx jgħajjat, ikellmu ħażin, jgħajjru injorant u keċċih b'arroganza kbira. L-għada l-appellant mar lura jibki għandu għaliex kellu tarbija u l-kuntratt tal-post tlett ijiem wara iżda l-imgħallem reġa' kellmu ħażin u qallu li huwa jagħmel li jrid. Xehed li dam sena u tmien xhur mingħajr xogħol u issa impjegat bħala kaptan ta' lanċa għalkemm fl-affidavit jgħid li m'għandux xogħol stabbli.[18] Mal-appellata kien jaqla' madwar €1,000 fix-xahar.

24. Minn dan kollu din il-Qorti tasal tikkonkludi li x' aktarx huwa minnu li kien hem drabi meta l-appellant irċievha twissija, għalkemm m'hemmx dettalji ċari dwar in-numru ta' drabi u x'tip ta' twissija ngħata. F'kull każ li l-appellant irċieva twissijiet preċedenti ma jfissirx li l-episodju li wassal għat-tkeċċija tal-appellant kien kaġun ta' traskuraġni da parti tiegħu. Dak l-episodju jrid jiġi kkunsidrat għalih b'mod xieraq. F'każ imbagħad li jirriżulta li l-impjegat kien effettivament ħati ta' kondotta ħażina f' dik l-istanza, l-*warnings* preċedenti għandhom jiġu meqjusa fl-assjem tagħhom sabiex il-prinċipal jiddeċiedi x'forma ta' dixxiplina għandu jieħu fil-konfront tiegħu. F'dan il-każ dan l-eżerċizzju qatt ma sar għaliex il-prinċipal qabad u keċċa lill-appellant. Dan m'huwiex aġir korrett.

25. Meta seħħ l-inċident in kwistjoni, l-appellant tkeċċa b'mod immedjat. Jidher li d-direttur assuma li ladarba kien l-appellant li għabba l-*goods lift,* l-fatt li waqgħet kaxxa kien minħabba n-negliġenza tal-appellant. La d-direttur u lanqas l-*manager* li xehedu għan-nom tal-kumpannija appellata ma aċċennaw għall-fatt jekk qabel tkeċċa l-appellant, talbux lil Kyle Saliba jagħti l-verżjoni tal-fatti. Saliba biss kien preżenti meta waqgħet il-kaxxa. Hu evidenti wkoll li l-appellant lanqas ma ngħata l-opportunita li jagħti spjegazzjoni. Dan kien każ ta' *summary dismissal* mingħajr l-impjegat ma ngħata l-opportunita' jitkellem. Hu

[17] Fol. 84.
[18] Fol. 84.

magħruf li dik it-tip ta' tkeċċija għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux in-norma, u li tiġi applikata fejn il-*misconduct* tkun gravi.

26. Saliba ma xehedx quddiem it-Tribunal. Minkejja li l-kumpannija appellata ressqet għadd ta' impjegati tal-kumpannija, saħansitra *part-timer*, għażlet li ma tħarrikx lil Kyle Saliba. Dan kien l-uniku xhud li kien preżenti u għalhekk seta' jgħid eżattament x'ġara. Hu minnu li xehed Emerson Vella, impjegat ieħor li qal:

> *"Pero' x'ħin inżilt isfel rajt waħda mill-kaxxi l-kbar tagħna li kellha r-racks li kienet qiegħda mal-art. Ovvjament, waqgħet minn fuq il-lift.* ***Jiena fil-fehma tiegħi*** *meta ħarist lejn il-lift biex nipprova nifhem x'ġara, rajt żewġ kaxxi mgħobbijin żgħar isfel fil-lift u kaxxa kbira, dil-kaxxa kienet mal-art kienet mgħobbija jigifieri surface area kbir mgħobbi fuq surface area żgħir. Allura xi tip ta' wobbling ħa jkun hemm jekk ma jitgħabbewx l-affarijiet sew.* ***U jiena naħseb*** *li hekk waqgħet il-kaxxa".*

27. Pero' Emerson Vella sempliċiment ta opinjoni. L-aħjar prova setgħet issir biss permezz ta' Kyle Saliba. Ma ngħatat l-ebda raġuni għalfejn l-appellata ma ħarrkitux. It-Tribunal għandu jiddeċiedi fuq il-fatti u mhux fuq x'jaħseb xhud.

28. Għalkemm l-appellata qalet li t-Tribunal straħ ukoll fuq ix-xhieda okulari ta' Philip Agius u Paul Falzon, pero' ma rawx il-kaxxa taqa' minn fuq il-lifter.

29. Il-qorti qieset ukoll l-għamla tal-lifter. Ċirkostanza li ma ttieħditx in konsiderazzjoni mit-Tribunal u li fil-fehma tal-qorti hi rilevanti. Il-qorti qegħda tifhem li r-ritratti a fol. 13-14 huma tal-lifter in kwistjoni. Lifter li hu miftuħ fil-ġnub. Każ klassiku ta' nuqqas ta' għarfien ta' saħħa u sigurta fuq il-post tax-xogħol f'min iddiżinja l-lift u ppermetta li jitpoġġa u jintuża f'post tax-xogħol. Hu evidenti li l-mod kif inħadem il-lifter ma joffri l-ebda sigurta sabiex ma jaqgħux oġġetti minn fuqu. Dan b'periklu għall-ħaddiema. Hu evidenti li l-prinċipal tant kien pront biex ikeċċi lill-appellant li lanqas ma kkunsidra din iċ-ċirkostanza.

30. Da parti tiegħu, l-appellant ipprova jħarrek lil Kyle Saliba diversi drabi iżda minkejja li ġie notifikat, dan ix-xhud naqas milli jitla' jixhed. Għalhekk, l-uniku xhieda attendibbli dwar dan l-inċident hija dik tal-appellant innifsu, ossija, li huwa ħatt il-vann, għabba l-kaxxi fuq il-*lift* tal-*warehouse* u dawn telgħu sular sħiħ safejn kien hemm Kyle Saliba u ma waqgħux. Il-loġika tal-appellant hija illi kieku l-kaxxi kienu verament mgħobbijin ħażin u bi traskuraġni, il-kaxxa li waqgħet kienet tarbula meta l-*lift* kien tiela' u mhux wara li l-*lift* kien diġa wasal fis-sular ta' fuq, waqaf. Raġunament li jagħmel sens.

31. Skont il-Qorti jista' jkun li, (i) jew il-kaxxa kienet mgħobbija ħażin u bdiet tiżżerżaq bil-mod il-mod sakemm fl-aħħar għelbet kompletament meta kienet diġa' waslet fis-sular ta' fuq; jew (ii) il-kaxxa waqgħet x'ħin kienet qed tinħatt minn Kyle Saliba li kien qiegħed fuq ir-raff biex ipoġġi l-affarijiet f' posthom. Mill-provi ma jirriżultax jekk Kyle Saliba kienx beda jħott dawn il-kaxxi jew le b'dan illi t-tieni ipoteżi ma tistax tiġi eskluża.

32. L-oneru tal-prova li l-inċident seħħ kaġun ta' traskuraġni tal-appellant kien fuq l-appellata. Fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant għandu raġun jilmenta li din il-prova ma tressqitx. Ilment li għandu x'jaqsam ma' punt ta' liġi stante li t-Tribunal ikkonkluda li l-kaxxa waqgħet tort tal-appellant, meta:

i. Ma qalx kif wasal għal dik il-konklużjoni;
ii. L-uniku xhud li ra l-kaxxa taqa' minn fuq il-lifter kien Saliba, li l-appellata ma ħarrkitux bħala xhud. Il-prova li kien hemm *just and sufficient cause* għat-tkeċċija tal-appellant kellha ssir mill-kumpannija appellata.

33. Il-fatt li t-Tribunal emmen li l-appellant kien bniedem traskurat minħabba episodji preċedenti, ma jfissirx neċessarjament li dan l-inċident partikolari seħħ għaliex kien traskurat. Hu evidenti li t-Tribunal ikkonkluda li l-kaxxa waqgħet minn fuq il-lifter tort tal-appellant. Pero' ma qalx kif wasal għal tali konklużjoni, meta x-xhud prinċipali ma xehedx. Dan apparti wkoll li t-Tribunal lanqas biss ma kkunsidra l-mod kif l-appellant tkeċċa, fis-sens li din kienet deċiżjoni li ttieħdet *on the spot* mingħajr l-impjegat ma ngħata ċans jagħti l-verżjoni tiegħu.

34. Huwa minnu li t-Tribunal ma straħx unikament fuq dan l-episodju, iżda l-inċident tal-4 ta' Jannar 2013 kien <u>il-bażi tat-tkeċċija tal-appellant</u>. Fin-nuqqas ta' prova ċara li dak li kien ġara kien tort tal-appellant, kull konsiderazzjoni dwar allegati nuqqasijiet oħra '*inkluż diversi inċidenti ta' traskuraġni*' li setgħu seħħew f'okkazzjonijiet oħra, huma irrilevanti.

35. Fiċ-ċirkostanzi m'hemmx għalfejn il-qorti tikkunsidra t-tielet aggravju.

36. Dan il-każ ilu pendenti minn April, 2013. Meta tqies li għaddew kważi sitt snin, il-qorti hi tal-fehma li m'għandhiex tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jillikwida l-kumpens.

37. Fir-rikors promotur l-appellant talab li jingħata kumpens xieraq talli tkeċċa inġustament.

38. Skont il-provi li tressqu:

- l-appellant kien ilu impjegat mal-kumpannija appellata madwar sena;
- kellu eta' ta' madwar 31 sena;
- mill-impieg kellu dħul ta' ċirka €1,000 fix-xahar – dan ma ġiex kontradett mill-appellata;
- għalkemm qal li għamel xi sena u tmien xhur bla xogħol, ma ta l-ebda prova ta x'għamel biex jipprova jsib xogħol. Qal ukoll, *"Pruvajt xogħol ieħor imma ma rnexxilix"*,[19] mingħajr ma ta dettalji. Persuna ma tistax tippretendi li tiġi kkumpensata għall-perjodu kollu li ddum bla xogħol, jekk ma tatix provi sodisfaċenti li għamlet l-almu tagħha sabiex issib xogħol.

39. Il-Qorti qegħda għalhekk tillikwida kumpens fis-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000).

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-appell u filwaqt li tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-30 ta' Lulju 2018:**

**(i) Tiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant ma kinitx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.**

**(ii) Tillikwida kumpens pagabbli lir-rikorrent fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000), u tikkundanna lis-soċjeta appellata tħallas is-somma hekk likwidata.**

**Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjeta appellata.**

Anthony Ellul.

[19] Fol. 71.